# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri

## It-Tmien Leġislatura

## Laqgħa Nru. 11

It-Tnejn 23 ta' Marzu 2020

Il-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri għamel din il-laqgħa b'mezz *online* minħabba ċ-ċirkustanzi preżenti, fit-8:00 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Is-Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsilliera |
| | Is-Sur Sammy Saliba | - Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

| | | |
|---|---|---|
| | Is-Sur Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| | Sinjura Rita Mifsud Attard | - Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

**23 ta' Marzu 2020**

Is-Sindku Dr Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa.

## 11.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

**11.1.01** Ġiet ippreżentata l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Salvatore Felice Pace. Din l-ittra ġiet aċċettata u għalhekk is-Sur Felice Pace huwa skużat.

## 11.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 8-06 u Laqgħa Pubblika.

**11.2.01** Il-minuti tal-Laqgħat Numru 9 u 10 ġew ċirkulati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 11.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**11.3.01** Direttiva 2/2020 – Corona Virus (COVID-19) Kif għandhom jitmexxew il-laqgħat statutorji, sabiex il-Kunsilli Lokali jibqgħu joffru s-servizzi tagħhom lill-pubbliku filwaqt li jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex tiġi salvagwardjata s-saħħa tal-kunsilliera, il-ħaddiema u l-pubbliku.

**11.3.02** Email mingħand Aġenzija Sapport dwar il-proġett INK.

**11.3.03** Rapport mingħand il-Contract Manager għax-xahar ta' Frar.

**11.3.04** Direttiva 7/2019 – Risk Assessment tal-Playing Fields Madwar Malta u Għawdex

**11.3.05** Email mingħand is-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesu' dwar attivita' li kellha ssir nhar il-Ħadd 26 ta' April fi Pjazza s-Salvatur. Minħabba ċ-ċirkostanzi attwali din l-attivita' probabilment ma ssirx.

**11.3.06** Email mill-Ministeru għal Għawdex dwar *Gozo Alive* fi tmiem il-Ġimgħa, 5 u l-Ħadd 7 ta' Ġunju 2020. Il-Kunsill applika sabiex jkun hemm attività l-Ġimgħa jew is-Sibt ta' dan il-weekend fl-Għasri li jaħbtu mal-festa ta' l-Għasri.

**11.3.07** Invit mill-*Malta Cine Circle* għal wiri ta ' żewġ dokumentarji storiċi fuq Għawdex. Minħabba s-sitwazzjoni attwali din l-attività kif ukoll il-ħarġa li kienet ser tkun organizzata mill-Kunsill f'April mhux ser isiru.

**11.3.08** Il-kunsill irċieva konferma mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar tal-oġġezzjoni li għamel il-Kunsill għall-applikazzjoni PA/00887/20 – Proposed construction of sheep farm.

## 11.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:

**11.4.01** Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 11.5 Arbli għat-Tiżjin tal-Festa.

**11.5.01** Il-Kunsill talab għall-kwotazzjonijiet għall-arbli tal-festa. Il-Kunsill għażel l-orħos kwotazzjoni bil-prezz ta' €1,200.00 għal 6 arbli. Dawn għandhom ikunu lesti sa l-aħħar April.

## 11.6 Xogħlijiet ta' Toroq.

**11.6.01** Il-Kunsill irċieva mingħand il-Korporazzajoni tal-Ilma l-istimi tax-xogħol tas-servizzi tal-ilma u tad-drenaġġ. Id-drenaġġ ser jitħallas kollu mingħandhom filwaqt li parti mis-servizzi tal-ilma ser jitħallsu mill-Kunsill. Peress li issa għandna d-dokumentatazzjoni kollha, il-Kunsill jista joħroġ is-sejħa għall-offerti tar-*resurfacing* ta' Triq Wied Sara. Din għandha tidher fil-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar it-Tlieta, 24 ta' Marzu.

## 11.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;

**11.7.01** Quddiem il-Kunsill tresqet l-iskeda ta' pagamenti nru 8-11 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 11.8 Mozzjonijiet.

**11.8.01** Is-Sindku resaq mozzjoni verbali biex inħarsu s-saħħa tal-ħaddiema kif ukoll tar-residenti u ssuġġerixxa, li l-Kunsill jieħu mizuri temporanji biex innaqqsu in-nies fil-postijiet pubbliċi u b'hekk nikkontrollaw li jinfirex il-virus. Għalhekk fejn hu possibbli, pagamenti għandhom isiru onlajn jew b'ċekk. Jekk persuna tiġi personalment għandhom ikollhom flus eżatt. Għalissa s-servizz postali kif ukoll il-librerija pubblika jiġu sospiżi. Qed jiġi mħeġġeġ biex l-uffiċċju jintuza mill-inqas. Kull rapport jew suġġeriment jistgħu jsiru permezz ta' email, telefon jew fuq il-Facebook. Il-Kunsill ser ikun miftuħ għall-pubbliku filgħodu biss mit-8 sa nofsinhar. Is-Segretarja Eżekuttiv tkun tista taħdem mid-dar fejn possibbli.

## 11.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**11.9.01** Il-laqgħa ntemmet fit-8:25 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 29 t' April fis-7:00 p.m.

Konfermati, it-Tnejn 23 ta' Marzu 2020

| | |
|---|---|
| **FFIRMATA** | **FFIRMATA** |
| Dr Daniel Attard | Rita Mifsud Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |